# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Mary Duca**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Mary Duca**, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 594757(M) u li permezz tagħha ġiet akkużata talli matul is-sena 2015 u fis-snin ta' qabel, minn ġewwa l-fond 11, Drake, Triq Bormla, Raħal Ġdid b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkommettejt serq ta' deheb liema serq huwa aggravat bil-valur ta' iżjed minn €2329.37, bil-lok u bil-persuna għad-dannu ta' Josephine Cacciattolo u/jew Maria (Maria Speranza) Magro.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lix-xiehda prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 1 t'Awissu 2004, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fl-Artikoli 17, 18, 31, 261(c)(d)(e), 267, 268, 269, 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputata hawn fuq imsemmija sabiex tigi ġġudikata minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tat-30 ta' Settembru 2016 din il-Qorti, staqsietha jekk kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata żmien xieraq biex twieġeb għal din il-mistoqsija, wieġbet li m'għandhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ għandha raġun. Il-każ tal-Prosekuzzjoni huwa msejjes mhux biss fuq ix-xiehda ta' Maria Speranza Magro daqskemm fuq l-istqarrija li rrilaxxjat l-imputata a tempo vergine.

Il-Qorti hija konvinta li l-imputata żbaljat meta hija ħadet oġġetti tad-deheb lil Ġuża Cacciattolo. Dan tammettieh l-imputata stess fl-istqarrija tagħha. Ta min jinnota li meta tispjega lilha nnifisha din ix-xhud tiddistingwi bejn meta hija kienet tiġi mogħtija oġġett tad-deheb minn Ġuża – billi tgħid li tkun "tagħthulha" dak l-oġġett għal bejn meta hija tkun minn jeddha ħadet oġġett tad-deheb lil Ġuża mingħajr l-għarfien u l-kunsens tal-istess Ġuża billi tgħid li tkun "ħaditilha" dak l-oġġett.

Hemmhekk hija tgħid li Ġuża ġieli kienet ittiha xi oġġetti tad-deheb bħal ġiżirana bil-pendent, waħda bis-salib u tagħtha wkoll ċurkett. Iżda fejn żbaljat kien meta hi minn jeddha kienet tallunga idha u "jekk hi taghtni curkett, jien kon nohdilha iehor." Għall-mistoqsija – jekk hi tagħtik oġġett wieħed u inti tieħu tnejn, l-imputata wieġbet fl-affermattiv. Mistoqsija kemm il-oġġett kienet tagħtha Ġuża, l-imputata tgħid li kienet tagħtha xi ħames jew sitt affarijiet u misluta waħda. Apparti minn hekk kien hemm ukoll xi labra u xi pendent b'ħolqa tonda. Biss

hija ttenni li meta kienet ittiha xi ħaġa dejjem kienet tieħu xi ħaġa oħra magħha u kienet tieħu xi ħaġa oħra kull darba li Ġuża kienet ittiha xi ħaġa. Fl-istqarrija tagħha hija ġiet konfrontata bil-lista t'oġġetti li kienu allegatament ġew neqsin lil Ġuża u fil-fatt issemmi aktar oġġetti li kienet ħadet hi. Għalkemm ma ftakritx iċ-ċintell ta' mal-għonq, hija żżid li tiftakar li kienet ħadet labra żgur; ħadet ukoll pendent bl-iskorpjun fuqu u ħadet ukoll ċrieket tal-irġiel. Ċpiepet tan-nisa ma tiftakarx kemm ħadet iżda msielet kienet ħadet żgur fosthom dik tal-gahwar bil-forma ta' fjura u misluta oħra b'disinn maqlugħ il-barra. Dak id-deheb li kienet ħadet kienet biegħithu l-Fgura.

Meta l-imputata ġiet konfrontata minn bint Ġuża b'din is-sitwazzjoni fejn kien naqas ħafna mid-deheb li kellha ommha, l-imputata fl-istqarrija tagħha ttenni li :

> Dak filghodu kienet kelmitni Maria, qabel ma kien hemm zewgha, u kienet ma kuginitha. U baqghet twahhal fija li jien hadt id-deheb. Imbaghad staqsietni 'kif se niftehmu?' U jien biex nipprova nghatti dak li kont ghamilt ghidtilha 'naghtihomlok €50 fix-xahar'

Mistoqsija jekk kienetx ammettiet magħha li kienet ħadet id-deheb, l-imputata wieġbet li hija ma kienet ammettiet xejn u li l-anqas kienet qaltilha l-verita. Hi baqgħet tgħidilha li din l-istorja tibqa' bejniethom u qaltilha biex tagħtihomlha bil-mod. Mistoqsija jekk kienetx lesta li ttihomlha bil-mod ladarba qed tammetti li ħadet xi deheb l-imputata wieġbet li kienet lesta tagħtihomlha bil-mod basta ma jkollhiex x'taqsam magħha. Inoltre mistoqsija għaliex kienet tisraq dan id-deheb, l-

imputata wieġbet li kienet tagħmel dan għax ma kienx ikolha flus biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħajja, fosthom biex tħallas il-kontijiet tad-dawl, tal-cable u l-affarijiet li jkollha bżonn. Għalkemm hija tgħid li kieku staqsiet lil Ġuża din kienet tgħinha finanzjarjament, l-imputata żżid tgħid ukoll li dak il-ħin hekk ħadem moħħha u meta rat id-deheb għamiet u sabitha komda li meta kienet ittiha xi ħaġa tad-deheb kienet taqbad u tieħu xi ħaġa oħra. Tispiċċa tgħid li hija kien iddispjeċiha ta' dak li kienet għamlet u apparti li wegħdet li ma kienetx ser tagħmel xi ħaġa oħra bħal din, kienet ukoll lesta li tagħti l-flus lura ta' dak li hija kienet serqet – għalkemm ma kienetx lesta tirritorna lura l-flus tal-oġġetti li kienet tagħtha Ġuża minn jeddha.

B'din l-istqarrija il-Qorti ftit jifdlilha fejn tmur, minkejja li l-imputata fix-xiehda tagħha tipprova tiġġustifika dak li għamlet u ddawwar l-istorja skont kif jaqblilha. Din il-Qorti ma temminhiex f'dak li qalet u ser issibha ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha.

Kwantu għall-valur tar-res furtiva, din il-Qorti tqis li għal dak li għandu x'jaqsam mal-valur tal-oġġetti derubati ikun aktar għaqli li fiċ-ċirkostanzi tal-każ dan il-punt jiġi mistħarreġ mill-Qorti Ċivili kompetenti u dan stante l-entita u l-valur tal-oġġetti derubati.

# DEĊIDE

Li wara li rat l-Artikoli ċċitati mill-Avukat Ġenerali u ċjoe l-Artikoli 17, 18, 31, 261(c)(d)(e), 267, 268, 269, 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil Mary Duca ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Kwantu għall-piena il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħatja għall-piena ta' tmintax il-xahar priġunerija iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' tliet snin mill-lum l-imputata tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħatja r-responsabbilita tagħha mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li hija tikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħatja taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' sena millum.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilha illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-ordni ta' supervizjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li tagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-

arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor hija, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħatja kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

***Mogħtija illum 28 ta` Settembru, 2017, fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***